MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Lulju, 2011

Numru. 124/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Spiridione Zammit**

**vs**

**Herbert Guillaumier**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Herbert Guillaumier, bin Anthony u Josephine nee’ Brimmer, imwieled Hamrun fid-29 ta’ Dicembru 1947 u joqghod Adonai, Triq Wenzu Despott, Tarxien, detentur tal-karta tal-identita’ numru 23148M gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

B’diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjonijiet tal-Ligi u li gew maghmula b’rizoluzzjoni wahda u cioe’:
Fil-11 ta’ Jannar, 2010 ghal habta tas-6.45 a.m. u zminijiet qabel waqt li kien fi Triq Gianni Faure’ Tarxien, postijiet ohra volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobli u cioe’ ghamel hsara fuq vetturi ta’ ghamla Toyota numru tar-Registrazzjoni BXR001 u Hyundai Getz numru tar-registrazzjoni CBO346 ghad-dannu ta’ Francis Darmanin minn Hal-Tarxien liema hsara ma tiskorrix (1164.60 Euros) (Lm500) izda izjed minn 116.47 Euros.

Rat l-atti kollha ta’ dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 5 ta’ Frar, 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta’ Marzu, 2010 l-imputat iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi l-fattispeci ta’ dan il-kaz jirrigwardaw hsara volontarja allegatament kagunata fil-11 ta’ Jannar 2010 ghall-habta tas-6.45am u fix-xhur ta’ qabel din id-data fuq vetturi ta’ ghamla Toyota numru tar-Registrazzjoni BXR001 u Hyundai Getz numru tar-registrazzjoni CBO346 ghad-dannu ta’ Francis Darmanin minn Hal-Tarxien liema hsara ma tiskorrix (1164.60 Euros) (Lm500) izda hija izjed minn 116.47 Euros. Mill-provi rrizulta li l-imputat u l-kwerelanti huma girien jghixu fl-istess triq. Il-parti civili Francis Darmanin kien ilu mill-10 ta’ Ottubru 2009 jirraporta lil Pulizija li kien qed isib grif fuq il-vettura tieghu u fuq il-vetturi taz-zewg uliedu. Huwa b’kollox ghamel hames

rapporti liema rapporti jinsabu nseriti a fol. 25 sa 35 tal-atti processwali flimkien mal-istimi tal-hsarat li gew kagunati fil-vetturi f’kull okkazzjoni. Francis Darmanin li xehed waqt l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2010 spjega li wara li beda’ jsib il-grif b’mod kontinwu fil-vetturi tieghu u tat-tfal iddecida li jinstalla zewg CCTV cameras, wahda fuq il-bieb ta’ barra u l-ohra taghti fuq it-triq sabiex jaqbad lil min kien qed jaghmillu l-hsara fuq il-vetturi tieghu u spjega li fil-11 ta’ Jannar 2010 ghall-habta tas-6.45am waqt li martu u hu kienu quddiem il-monitor tac-CCTV cameras gewwa darhom setghu jaraw lil-imputat jghaddi minn hdejn il-vettura taghhom tal-marka Toyota u ta kulur ahdar bin-numru tar-registrazzjoni BXR 001 u jobroxha man-naha tal-lemin fuq il-bieba. Francis Darmanin spjega li sfortunatament il-camera ma rrekordjatx dak li kien deher fuq il-monitor u ghalhekk huwa ma setghax jipproduci it-tape relattiv. Mary Darmanin, mart il-parti civili, li xehdet waqt l-udjenza tas-26 ta’ Marzu 2010 ikkonfermat li fil-11 ta’ Jannar hija kienet ma zewgha quddiem il-monitor meta raw lill-imputat jigref il-vettura taghhom. Hija qalet ukoll li f’zewg okkazzjonijiet precedenti kienet rat lill-imputat jigref il-vetturi ta’ zewgha u ta’ uliedha izda hija ma kinitx qalet lil zewgha mill-ewwel sabiex ma taqlax inkwiet. Il-konjugi Darmanin spjegaw li fil-passat huma kienu kellmu lil-imputat dwar xi hmieg li kien qed ihalli l-kelb tieghu u qalu li din forsi kienet ir-raguni il-ghala huwa kien qed jigref il-vetturi taghhom.

L-imputat kemm meta irrilaxxja zewg stqarrijiet[1] kif ukoll meta xehed f’dawn il-proceduri waqt l-udjenza tal-14 ta’ Ottubru 2010 dejjem innega b’mod kategoriku li huwa qatt giref il-vetturi propjeta’ ta’ Francis Daramin jew il-vetturi ta’ uliedu. Huwa spjega li fil-11 ta’ Jannar 2010 kien hareg minn daru fis-5.45am sabiex imur ghall-quddies tas-6.00am u mar bil-mixi ghaliex ghandu hames minuti l-boghod ghal knisja. Huwa qal ukoll li mas-6.30am kien rega’ rritorna lura d-dar u wara ftit minuti rega’ hareg sabiex imur jixtri kartuna halib u ghadda minn Triq Gianni Faure’ u mexa’ fuq il-bankina tal-lemin u meta rritorna lura mexa fuq l-istess bankina. Huwa qal li fl-imsemmija triq

[1] Inseriti a fol. 15 sa 19 tal-atti processwali.

jipparkjaw vetturi maz-zewg nahat tat-triq. Huwa qal ukoll li meta mar jixtri l-halib ghadda minn fuq il-bankina fejn kien hemm parkeggjata l-vettura ta’ Francis Darmanin izda sostna li huwa l-anqas cavetta ma kien ha mieghu ghaliex kien halla l-bieb tal-garaxx miftuh ghalkemm kien jidher qisu maghluq minn barra u dan perees li kien hareg malajr sabiex jixtri kartuna halib u jerga’ jirritorna lejn id-dar. Huwa qal ukoll li kien innota xi grif fil-vettura ta’ Darmanin.

Ikkunsidrat:

Illi huwa pjuttost evidenti li l-kaz kollu jirrivolvi fuq il-kwistjoni ta’ kredibilita’, min-naha l-wahda l-Qorti semghat lil konjugi Darmanin jghidu kif fil-11 ta’ Jannar 2010 huma kienu raw lill-imputat minn fuq il-monitor jigref il-vettura taghhom u min-naha l-ohra dak li jghid l-imputat li jichad li f’dik l-okkazzjoni jew f’xi okkazzjoni ohra huwa kien giref il-vetturi propjeta’ tal-familja Darmanin. Il-Qorti wara li ezaminat bir-reqqa l-provi kollha prodotti mill-partijiet f’dan il-kaz jidrilha li m’ghandha l-ebda raguni ‘il ghala ma temminx dak li qalu il-konjugi Darmanin in kwanu jirrigwarda l-incident tal-11 ta’ Jannar 2010. Huma indikaw il-hin meta raw lill-imputat jigref il-vettura taghhom, u cioe’ 6.45am u l-mossa li raw lill-imputat jaghmel meta giref il-vettura. Il-hin li ndikaw huma del resto jaqbel perfettament mal-hinijiet indikati mill-imputat dwar il-movimenti tieghu ghaliex huwa qal li rritorna lura d-dar mill-quddies fis-6.30am u wara ftit minuti rega’ hareg sabiex jixtri kartuna halib. In kwantu jirrigwarda l-incident tal-11 ta’ Jannar 2010 il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova il-kaz taghha lil hin minn kull dubju dettat mir-raguni u l-imputat sejjer ghalhekk jinstab hati li volontarjament ikkawza il-hsara fil-vettura ta’ Darmanin fl-imsemmija data. In kwantu jirrigwarda l-incidenti l-ohra fejn Mary Darmanin tghid li rat lill-imputat jikkaguna hsara l-Qorti jidrilha li l-imsemmija xhud la kienet cara dwar id-dati u l-anqas dwar fejn rat il-hsara tigi kagunata u kienet ukoll konfuza dwar fejn setghu kienu parkeggjati l-vetturi li allegatament giet kagunata hsara fuqhom mill-imputat. Irid inoltre jigi rilevat li meta saru ir-rapporti dwar l-incidenti l-ohra qatt ma gie ndikat hadd bhala suspettat u inoltre

f'uhud mir-rapporti giet indikata triq differenti minn dik indikata fic-charge sheet dwar fejn kienet parkeggjata il-vettura ta' Darmanin. L-imputat sejjer ghalhekk jigi misjub hati tal-akkuza migjuba fil-konfronti tieghu limitatament in kwantu jirrigwarda il-hsara kagunata fil-11 ta' Jannar 2010.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti kkunsidrat kemm l-eta' tal-imputat li huwa ragel ta' tnejn u sittin (62) sena kif ukoll il-fatt li huwa ghandu fedina penali nadifa u fic-cirkostanzi ma jidrilhiex li ghandha timponi piena karcerarja effettiva izda sejra tapplika l-provvedimenti tal-Artikoli 28A u 28H.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 325(1)(b) tal-Kodici Kriminali l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba fil-konfronti tieghu izda limitatament in kwantu jirrigwarda l-incident tal-11 ta' Jannar 2010 u dan ghar-ragunijiet spjegati aktar 'il fuq u tikkundannah hames (5) xhur prigunerija li b'applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali qed jigu sospizi ghall-perijodu ta' tnax(12)-il xahar millum.

B'applikazzjoni tal-Artikolu 28H tal-Kodici Kriminali l-Qorti tikkundanna lill-imputat sabiex sa zmien tlett (3) xhur millum ihallas lil Francis Darmanin is-somma ta' mija u tmintax-il Ewro (€118), liema ammont jirrapprezenta l-hsara kagunata fil-vettura tal-imsemmi Francis Darmanin mill-imputat fl-incident tal-11 ta' Jannar 2010.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------